# IT-TIENI PARTI

# QORTI ĊIVILI — PRIM'AWLA

**7 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Ġanni Camilleri, *et.*

**Att ta' Referenza — Validità Kostituzzjonali ta' Proklama — "Human Right" — Libertà ta' Espressjoni — Libertà ta' Għaqda u Assoċjazzjoni — "Ultra Vires" — Diskriminazzjoni — Dritt Akkwiżit — "Enabling Law" — Distinzjoni bejn "Meeting" u "Dimostrazzjoni" — "Doctrine of Strict Necessity" — "Doctrine of Severability" — "Public Safety" — "Public Order" — Proklama Nru. III tal-15 ta' Settembru, 1964 — Art. 14, 15 tal-Kostituzzjoni tal-1961.**

*Din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni oriġinali esklussiva ta' Qrati oħrajn fuq punti li jirrigwardaw il-"human rights". Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati f'kawża kriminali wżat il-proċedura korretta taħt l-artikolu 16(3) tal-Kostituzzjoni tal- 1961 meta rreferiet għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti l-punt dwar il-validità kostituzzjonali ta' Proklama, wara li deħrilha li l-eċċezzjonijiet ta' l-imputat (li l-Proklama kienet kontra xi drittijiet fondamentali tal-bniedem u "ultra vires") ma kenux frivoli w vessatorji.*

*Il-Qorti applikat il-Kostituzzjoni tal- 1961 u mhux dik tal-1964 għal dak li jirrigwarda l-materja ta' sostanza w dana b'applikazzjoni tal-massima "Omnis nova constitutio futuris for-*

*mam imponere debet non praeteritis". fis-sens li l-liġi l-ġdida m'għandhiex tfixkel drittijiet akkweżiti jew "vested rights" speċjalment meta si tratta ta' "human right".*

*F'każ fejn tiġi attakkata l-validità kostituzzjonali ta' Proklama, ma hux neċessarju li qabel issir l-impunjazzjoni tal- "enabling law" relattiv.*

*Hemm distinzjoni netta bejn "meeting" u dimostrazzjoni.*

*B'applikazzjoni tad-"doctrine of strict necessity" u d-"doctrine of severability", il-Qorti għandha tara u tiddeċiedi biss dawk il-punti li huma ta' interess għall-Qorti li rreferitilha l-każ.*

*Il-Projbizzjoni ta' dimostrazzjonijiet tista' tifforma bażi ta' lanjanza taħt l-art. 14 u 15 tal-Kostituzzjoni tal-1961 għax il-libertà ta' espressjoni tikkompenetra ruħha ma' l-oħra tal-assemblea; però dawn id-drittijiet ma humiex assoluti imma restrinġibbli, fost raġunijiet oħra, għar-raġunijiet ta' "public safety" jew "public order".*

*Kondotta provokatorja, anke bi kliem jew ġesti biss ta' partitarji kontra partitarji oħra li jkunu qed jiċċelebraw xi festa tikkostitwixxi ksur ta' ordni pubbliku.*

Dawn il-proċeduri saru fuq att ta' referenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża kriminali fl-ismijiet fuq imsemmija, magħmul fid-9 ta' Novembru, 1964, u huma intiżi biex qabel ma dik il-Qorti tissokta fis-smiegħ ta' dik il-prosekuzzjoni jiġi ottenut ġudikat dwar il-validità kostituzzjonali tal-Proklama Nru. III maħruġa mill-Eċċellenza Tiegħu il-Gvernatur fil-15 ta' Settembru, 1964, u li biha ġew ipprojbiti f'dawn il-Gżejjer, mis-16 sal-24 ta' Settembru, 1964 (iż-żewġ ġranet mgħadudin) il-meetings pubbliċi w d-dimostrazzjonijiet f'postijiet miftuħa għal pubbliku, ħlief dawk li kellhom jiffurmaw parti miċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali tal-Indipendenza.

Is-sitt imputati kienu ġew arrestati fl-20 ta' Settembru,

1964, minħabba xi inċidenti li, kif huwa allegat, ħadu parti fihom, u fit-22 ta' Settembru, 1964, ġew imressqa mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hekk arrestati (għalkemm mill-ewwel ottjenew il-libertà provvisorja) fuq l-akkużi li l-Belt, Valletta, fl-20 ta' Settembru, 1964, ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reati, liema reati fil-fatt saru, i.e., parteċipazjoni f'dimostrazjoni bil-ksur tal-art. 20 u 21 tal-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi (Kap. 108), ksur volontarju ta' ħon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u ingombru fit-triq u l-bankini jew postijiet fejn in-nies tgħaddi bla xkiel; barra minn dan il-ħames akkużati barra Carmel Grima, ġew akkużati li nstabu fil-pussess u ġarrew fuqhom armi bi ksur tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 106), u Joseph Tabone ġie akkużat ta' offiża ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira fuq il-persuna tal-Kuntistabbli tal-Pulizija E. Borg, persuna inkarigata skond il-liġi, bi ksur tal-art. 94 tal-Kodiċi Kriminali, u talli taħ ismu, kunjomu u l-indirizz foloz.

Il-każ ġie quddiem din il-Qorti għaliex l-imputati f'dak il-proċediment kriminali eċċepew a) li l-Proklama fuq imsemmija tikser id-drittijiet fondamentali tagħhom tal-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda u assoċjazzjoni skond l-art. 14 u 15 tal-Kostituzzjoni abrogata (iżjed 'il quddiem imsejħa l-Kostituzzjoni tal-1961) u b) li l-Proklama kien ukoll "ultra vires" u invalidu peress li l-liġi dwar il-meetings pubbliċi fl-art. 21 ma kenitx tagħti lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur il-poter li jiddiskrimina bejn dimostrazzjoni u oħra, imma li, semai, jipprojbihom kollha.

Il-Qorti tal-Maġistrati imxiet sewwa proċeduralment meta rreferiet il-punt lil din il-Qorti, għaliex ġià la darba ma dehriliex fid-diskrezzjoni tagħha li dawk l-eċċezzjonijiet kienu frivoli u vessatorji ma kelliex kors ieħor x'issegwi għaliex kostituzzjonalment din il-Qorti għandha ġurisdiz-

zjoni oriġinali esklusiva ta' Qrati oħrajn fuq punti li jirrigwardaw il-"human right" rinċerati, u meta kwistjoni bħal din tinqala' quddiem Qorti oħra dik il-Qorti, salva l-imsemmija diskrezzjoni, għandha tirriferiha lil din il-Qorti u tissospendi l-proċeduri quddiemha sakemm ikun hemm ġudikat fuqha minn din il-Qorti wara li jsir jew jgħaddi inutilment iż-żmien għal kull appell kostituzzjonalment permissibbili.

Huwa veru li għalkemm l-imputati talbu li r-riferenza ssir taħt l-art. 47(3) tal-Kostituzzjoni attwali (iżjed 'il quddiem imsejħa l-Kostituzzjoni tal-1964) il-Qorti "a qua" iċċitat mhux biss dik id-dispożizzjoni imma anki l-art.16(3) tal-Kostituzzjoni tal-1961, u dana b'kawtela ġustifikabili fiċ-ċirkostanzi tad-dritt intertemporali jew transitorju li jiġu aċċennati 'l quddiem.

Il-punti sostanzjali għad-deċiżjoni huma għalhekk tnejn: jekk il-Proklama tittrasgradiex id-drittijiet fondamentali tal-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda u assoċjazzjoni, u jekk hijiex "ultra vires" minħabba l-allegata diskriminazzjoni.

L-imputati fis-17 ta' Novembru, 1964, ippreżentaw ukoll rikors taħt l-art. 47(2) tal-Kostituzzjoni tal-1964 għall-istess oġġett, bid-differenza li għamluh mhux kontra l-Kummissarju tal-Pulizija biss imma kontra l-Onorevoli Prim Ministru. Il-Qorti semgħet u ttrattat iż-żewġ atti flimkien u ġie stipulat b'verbal fl-atti tar-rikors li l-provi hemm miġbura jservu wkoll għal din il-kawża, iżda l-Qorti sejra tipprovdi separatament fuq dak ir-rikors, wara l-prolazjoni ta' din issentenza (art. 796 Kod. Pro. Ċiv.) pitgħada nhar is-Sibt, 9 ta' Jannar, 1965.

Għal dak li jirrigwarda l-atti instanti, in vista tar-rife-

renza tal-Qorti tal-Maġistrati, ma kienx il-każ (u dan qiegħed jingħad għall-finijiet tal-art. 216 Kod. Proċ. Ċiv. u għall-aħjar intelliġibilità ta' din is-sentenza) li l-partijiet hawnhekk jippreżentaw eċċezzjonijiet jew risposti miktuba. Iżda jkun tajjeb li l-Qorti (stante l-identità ta' l-oġġett tal-proċeduri u tat-trattazjoni simultanea) tgħid x'kienu l-kontestazjonijiet tal-Pulizija fil-meritu, u apparti mill-proċedura, in kwantu jirriżultaw bil-miktub miż-żewġ risposti tagħha u tal-Onor. Prim Ministru għar-rikors. Dawn huma:—

a) in via preliminari li l-imputati ma jistawx jattakkaw il-Proklama jekk qabel kollox ma jinpunjawx il-validità tal-liġi (ċjoè, l-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi) li hija l-**enabling law** tagħha;

b) li l-"human rights" invokati mill-imputati taħt l-art. 14 u 15 tal-Kostituzzjoni tal-1961 mhumiex assoluti u huma limitati mill-ħtiġijiet raġjonevoli ta' sigurtà pubblika u ta' ordni pubbliku; taħt dan l-aspett il-Qorti ġiet mitluba tirritjeni li skond l-art. 19 ta' l-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi setgħet issir projbizzjoni ta' kwalunkwe meeting għal raġunijiet ta' ordni pubbliku u li skond l-art. 21 ta' l-istess statut setgħet tiġi pprojbita kwalunkwe dimostrazzjoni anki mingħajr dikjarazzjoni ta' raġunijiet speċjali, għax dan l-aħħar artikolu ma jirrikjediex it-tismija ta' raġunijiet, għalkemm fit-trattazzjoni l-Avukat tal-Kuruna wera tendenza enkonjabili li ma jippruvax jiġġustifika l-Proklama ħlief għall-istess raġunijiet li huwa semma għall-projbizjoni tal-meetings, u minn dan kollu avvanza l-konklużjoni li l-Proklama hija kostituzzjonalment valida;

c) li l-eżami tal-Qorti kellu jkun limitat għal vertenza kostituzjonali u ma kellux jidħol fil-meritu tal-imputazzjonijiet kriminali.

Apparti mill-aspett sostanzjali, l-partijiet għamlu wkoll osservazzjonijiet miktuba fuq xi punti aġġettivali u ta' dritt transitorju li l-Qorti ħassitha fid-dover tipprospettalhom stante n-natura pekularji tal-kawża, u li wkoll jissemmew 'il quddiem.

Bħala provi testimonjali żewġ xhieda biss ġew prodotti, l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija, Alfred Lanzon, min-naħa tal-Pulizija u tal-Onorevoli Prim Ministru, u l-Onorevoli Dom Mintoff, Kap tal-Oppożizzjoni fil-Kamra tad-Deputati u Leader tal-Malta Labour Party min-naħa tal-imputati u rikorrenti.

Bħala provi dokumentali, il-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru (dan l-aħħar dejjem jissemma biss għal finijiet tal-proċeduri tar-rikors) ipproduċew kopja tal-programm uffiċjali taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Indipendenza u x-xhud Lanzon esibixxa kopji ta' żewġ ittri tal-Malta Labour Party indirizzati lill-Kummissarju tal-Pulizija, it-tnejn fil-ħdax ta' Settembru, 1964, waħda biex tagħti avviż ta' mass meeting li l-Malta Labour Party ried jagħmel is-Sibt, 19 ta' Settembru, 1964, fit-3.30 p.m., il-Blata l-Bajda, l-Ħamrun, ħdejn St. Joseph's High School, u oħra biex jingħata avviż ta' dimostrazzjoni li l-istess partit ried jagħmel l-għada, il-Ħadd 20 ta' Settembru, 1964, fit-triq prinċipali tal-Ħamrun bejn id-disgħa ta' fil-għodu u n-nofs siegħa ta' wara nofs inhar, bil-parteċipazzjoni ta' karrijiet (floats) u baned. Min-naħa tal-imputati ġew esibiti tliet kopji ta' ħarġiet differenti ta' "Il-Ħelsien", organu tal-partit laburista, għal prova tad-direttivi mogħtija minn dak il-partit lill-partitarji dwar il-mod kif kellhom jaġixxu fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Indipendenza u ta' xi ħwejjeġ oħra bħal dawn.

B'xi verbali reġistrati l-partijiet stipulaw ukoll:

a) li l-fatti li wasslu għall-arrest u akkuża tal-imputati ġraw fl-20 ta' Settembru, 1964, iġifieri fl-aħħar ġurnata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni tal-1964;

b) li l-imputati, bħala membri jew aderenti tal-Malta Labour Party jiddisapprovaw il-ftehim li sar bejn il-Gvern tar-Renju Unit u l-Gvern ta' Malta tant fuq il-Kostituzzjoni attwali kemm fuq it-trattati ta' finanzi u ta' difisa, u dana billi huma dehrilhom li dak il-ftehim sar min wara dahar il-poplu Malti u kontra r-rieda tal-maġġoranza tiegħu, li għalhekk huma xtaqu juru "lid-dinja" li ma kienx veru li l-poplu kien kuntent b'dak li sar, u li kien għalhekk li l-Malta Labour Party xtaq jagħmel il-meeting u d-dimostrazzjoni fuq imsemmija.

Il-Qorti, matul dawn il-proċeduri, osservat it-termini w il-metodi ndikati fir-Rules of Court li ħarġu fis-17 ta' Novembru, 1964 in materja (L.N. 48/64) u li l-iskop prinċipali tagħhom huwa l-ħeffa fil-proċeduri dwar "human rights" konċiljabilment mas-serjetà tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan seta' jsir liberament, indipendentement mill-kwistjoni ta' liema Kostituzzjoni u liema proċedura tapplika għal każ f'dan l-istadju, għax għal dik li hija proċedura tar-riferenza fiha innifisha ma tagħmilx differenza liema Kostituzzjoni tapplika f'dan ir-rigward, għalkemm din il-kwistjoni tista' tkun rilevanti għal meta l-Qorti tiġi adita direttament, bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali, mill-persuna li tħossa aggravata b'xi ksur ta' dritt fondamentali uman.

Għal Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru deher Dr. V. Frendo, Avukat tal-Kuruna, u għall-imputati deher l-Avukat Dr. Anton Buttigieg.

Wara dawn il-preliminari neċessarji, il-Qorti tgħaddi immedjatament għall-konsiderazzjonijiet tagħha. Dawn

imissu tant l-aspett proċedurali kemm sostanzjali, għax il-kawża, stante il-koinċidenza tal-mument li fih insorġiet, għandha l-komplessitajiet tagħha.

L-ewwelnett, għandhom jiġu poġġuti sew in riliev xi dati importanti li bejn l-estremi tagħhom twieldet u svolġiet ruħha s-sitwazzjoni ġuridika li issa trid tiġi risoluta. Il-Proklama impunjata saret fil-15 ta' Settembru, 1964, meta kienet għadha sseħħ fil-vigur kollu, għalkemm fl-aħħar ġranet ta' l-*imperu esklusiv tagħha*, *il-Kostituzzjoni tal-1961*. L-imputati ġew arrestati fil-20 ta' Settembru, 1964. Sa dak inhar ħadd minnhom u lanqas ebda persuna oħra ma kienet ħadet xi passi legali biex timpunja l-validità ta' dik il-Proklama. L-imputati ġew imressqin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fit-22 ta' Settembru, 1964, Bejn dawn l-aħħar żewġ dati, jiġifieri, fil-21 ta' Settembru, daħlet fis-seħħ il-Kostituzzjoni tal-1964, (vide art. 2, Malta Independence Order, 1964). Mela sal-"appointed day" għad-dħul fis-seħħ ta' din il-Kostituzzjoni ma kien hemm ebda proċess inizjat biex tiġi attakkata l-Proklama. Jekk dawn il-proċedimenti jiġu kkunsidrati bħala kawża a se stante, anzi, għandu jiġi miżmum li bdiet fid-9 ta' Novembru, 1964, meta l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li tirreferiha hawnhekk. Jekk id-data tiġi mitfuha lura sat-2 ta' Ottubru, 1964, meta l-imputati ssollevaw l-eċċezzjoni tagħhom, jista' jiġi miżmum li l-proċess kontra l-Proklama beda dak in-nhar. Huwa immaterjali liema minn dawn *iż-żewġ* punti ta' partenza *tiġi* adottata, għax *l-azzjoni* kontra l-Proklama tiġi li dejjem bdiet wara r-revoka tal-Kostituzzjoni tal-1961, u dan jibqa' veru anke jekk in extremis, inħarsu lejn id-data tal-bidu tal-proċediment kriminali kontra l-imputati, i.e. 22 ta' Settembru, 1964.

Il-Malta Independence Order, 1964, fl-artikolu 3 tiegħu, japplika għar-"repeal" tal-Kostituzzjoni tal-1961 l-effetti tas-subartikolu (2) tal-artikolu 38 tal-Interpretation Act,

1889 ingliż bl-istess mod li japplikaw għar-"repeal" ta' Att tal-Parlament tar-Renju Unit. Dawn l-aħħar kelmiet huma importanti għax ifissru li l-Qrati ta' Malta għandhom japplikaw il-liġi ngliża fuq l-effetti tar-"repeal" fl-interezza tagħha, jiġifieri, għandhom joqgħodu mhux biss għall-lingwa ta' dik id-dispożizzjoni famuża li għamlet tant fir-Renju Unit biex tneħħi l-konsegwenzi noċivi u kultant inekwi tas-suċċessjoni tal-liġijiet fiż-żmien, imma għandhom japplikaw dik il-lingwa skond kif tiġi applikata f'dak il-pajjiż, jiġifieri bid-duttrina u bil-case law li nbniet madwarha mill-1889 sal-llum u mhux fl-isfond tad-duttrini u teoriji kontinentali li, għalkemm huma in gran parte konkordi, mhux dejjem huma identiċi magħhom fit-terminoloġija, fid-definizzjoni tad-dritt kweżit u fid-distinzjonijiet kultant sottili bejn normi proċedurali u normi ta' sustanza. Verament f'materja ta' liġijiet ta' oriġini ngliża, u speċjalment fil-kamp tad-dritt kostituzzjonali, il-Qrati Maltin qatt ma wrew riluttanza biex isegwu bħala awtorità importanti d-deċiżjonijiet tal-ogħla Qrati Ngliżi, però jidher li hawnhekk ir-rabta hija anke iżjed rigoruża.

L-effetti fil-qosor ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn jista' jinteressa din il-kawża, huma dawk imsemmija fil-paragrafi (b), (c) u (e) tagħha, ċjoè, li r-revoka tal-Kostituzzjoni tal-1961 "unless the contrary intention appears......shall not (b) affect the previous operation (of that Constitution) or anything duly done or suffered (thereunder), (c) affect any right, privilege, obligation or liability acquired, accrued or incurred" (thereunder) u (e) "affect any......legal proceeding or remedy in respect of any such right, privilege......as aforesaid, and any such......legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced......as if the repealing Act had not been passed".

Quddiem din il-Qorti l-Avukat tal-Kuruna ma għamel

ebda tentattiv biex jargumenta li l-kawża għandha issir fuq xi *bażi oħra ħlief li bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni transitorja*, li tagħti lill-Kostituzzjoni revokata l-ultra attività, l-imputati baqgħu dejjem fid-dritt li jinpunjaw il-Proklama taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tal-1961 relativi għall-"human rights", anke wara d-dħul fis-sebħ tal-Kostituzzjoni tal-1964, u allavolja sa dak in-nhar ma kenux laħqu almenu intavolaw kawża għal dak l-oġġett.

Il-Qorti, wara li eżaminat bl-aħjar reqqa il-preċedenti ngliżi (wisq numerużi biex jisemmew kollha) kif indikati fit-testi ta' **Craies on Statute Law** (5th Ed., pp. 319-327, 357, 371 u 380-383), **Maxwell, Interpretation of Statutes,** (10th Ed., pp. 213-228 u 402-407), **Halsbury's Laws of England,** (3rd Ed., Vol. 36, pp. 423-428 u 461-475) issib wisq enkomjabili r-"restraint" muri minn Dr. Frendo biex ma jippruvawx jinnewtralizza d-dritt tal-azzjoni tal-imputati bl-inserzjini tas-subartikolu (7) tal-art. 48 tal-Kostituzzjoni tal-1964. Anzi fin-nota *tiegħu (fol. 16) qabel li bħala dritt sos*tantiv għandha tapplika l-Kostituzzjoni tal-1961. U verament id-dispożizzjoni tal-art. 48(7) tal-1964 mhiex ħlief eċċezzjoni għall-art. 6 tal-Kostituzzjoni, u kif iddeċidiet il-Qorti Suprema tal-Indja in **reKeshavan vs. State of Bombay**, 22 ta' Jannar, 1951, (1951) S.C.R. 228, l-interpretazzjoni tal-art. 13 tal-Kostituzzjoni tal-Indja, korrispondenti għall-art. 6 tagħna, dispożizzjoni konċepita f'lingwa bħal ta' dan l-artikolu *mhiex ħlief prospettiva*, u per konsegwenza anke l-art. 48(7) ma jistax ikollu di mira ħlief sitwazzjonijiet ġuridiċi li jinħolqu wara l-"appointed day" għall-Kostituzzjoni tal-1964.

Kieku ma kienx hekk allura d-datur tal-Kostituzzjoni tal-1964 kien ikun qed jagħmel kontrosens mal-art. 3 tal-Malta Independence Order li japplika għar-revoka tal-Kostituzzjoni tal-1961 l-effetti fuq imsemmija tal-art. 38(2) tal-Interpretation Act. Anki l-art. 11(4) tal-istess Malta Inde-

pendence Order, 1964, li jsalva "on and after the appointed day" biss liġijiet mgħoddija qabel it-3 ta' Marzu, 1962 (mentri l-Proklama saret fil-1964) mill-effetti ta' l-inkonsistenza tagħhom mal-Kostituzzjoni tal-1961 (inkonsistenza preċedentement kundannata taħt l-art. 120(1) ta' dik il-Kostituzzjoni, juri li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li, almenu għall-ħwejjeġ ta' sostanza jintroduċi dikotomija bejn iż-żewġ kostituzzjonijiet. L-art. 38(2) tal-Interpretation Act, 1889, għandu jkollu l-effetti kollha tiegħu għall-manteniment tal-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni tal-1961 għas-sitwazzjonijiet ġuridiċi li ġew kreati jew drittijiet li ġew akkwiżiti taħtha, "unless a contrary interpretation appears" imma dina l-intenzjoni kuntrarja għandha tirriżulta jew minn kliem espressi jew minn inferenza neċessarja, u fejn ma tirriżultax jew ikun hemm dubju tibqa' sseħħ il-preżunzjoni tal-prospettività tal-att abrogatorju u jibqgħu japplikaw l-effetti tal-art. 38(2) tal-Interpretation Act, għax il-kostituzzjonijiet huma soġġetti għall-istess regoli ta' interpretazzjoni bħal liġijiet oħrajn, u waħda mill-aqwa fost dawn hija dik tan-non-retrospettività.

Kontra dan kollu ma jiswix il-fatt li l-imputati ma laħqux fetħu kawża biex iwaqqgħu il-Proklama. Meta saret il-Proklama huma ġew, almenu kif jippretendu, offiżi fiż-żewġ drittijiet fondamentali li kienu ġià fil-pussess effettiv tagħhom taħt il-Kostituzzjoni tal-1961. Fil-kawża Keshavan fuq imsemmija (u qegħda tissemma għax il-Qorti Suprema Indjana wriet ruħha awtorevoli f'materja kostituzzjonali) l-appellant kien qiegħed jipprova jwaqqa' bħala inkonsistenti mal-Kostituzzjoni prosekuzzjoni mibdija kontra tiegħu bħala editur ta' "news sheet" taħt liġi preċedenti għall-Kostituzzjoni tal-Indja tal-1950, li għallewwel darba daħħlet f'dak il-pajjiż il-"human rights", u l-Qorti wriet ruħha impressjonata bil-fatt li fil-bidu tal-inizju tal-proċess kontra tiegħu huwa allura ma kienx ġia fil-pussess tad-dritt fondamentali:

"A citizen must be possessed of a fundamental right before he can ask the Court to declare a law which is inconsistent with it as void", u kien għalhekk fost raġunijiet oħra, li rrespinġiet it-talba tiegħu u ħalliet il-prosekuzzjoni timxi (vide rapport tas-sentenza fil-**Cases on the Constitution of India, Durga Das Basu**, p. 2). Fil-kawża preżenti, l-imputati kienu ġia fil-pussess effettiv tad-drittijiet fondamentali in kwistjoni meta nbeda l-proċediment kriminali kontra tagħhom, u kellhom id-dritt fi kwalunkwe żmien qabel is-sentenza, finali *jwaqqfu l-proċeduri sakemm jinpunjaw il-Proklama, u dan* ma kienx xi dritt sempliċement astratt, għax il-Proklama kienet laħqet saret, u lanqas ma kien xi dritt li kellhom bżonn jitolbu b'xi applikazzjoni lil xi ħadd, imma għal kuntrarju kien dritt li huma kienu ġia qegħdin igawdu sakemm ma ġiex lilhom mimsus, almenu kif huma jirritjenu, bil-Proklama. Huma tabilħaqq kellhom kawża ta' azzjoni minn qabel ir-revoka tal-Kostituzzjoni tal-1961. F'**Henshall vs. Porter**, (1923) 2 K.B. 193, Mc Cardie J. irritjena li skond il-normi stabiliti tal-interpretazzjoni u l-art. 38(2) tal-Interpretation Act, 1889, il-Gaming Act, 1922 ma jostakolax li tinġieb azzjoni taħt l-art. 2 (revokat b'dak l-att) tal-Gaming Act, 1835 wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-att abrogatorju ġia la darba l-"cause of action" inħolqot qabel dik id-data.

Tapplika għalhekk il-massima "Omnis nova constitutio futuris formam imponere debet non praeteritis", fis-sens li *l-liġi l-ġdida m'għandhiex tfixkel drittijiet akkwiżiti* jew "vested rights", speċjalment meta si tratta ta' "human rights" u għalhekk, għal dik li hija sostanza l-Qorti tiddeċiedi li f'dan il-każ għandha tibqa' tapplika il-Kostituzzjoni tal-1961.

L-Avukat tal-Kuruna rritjena li fl-istess ħin għandha tapplika l-Kostituzzjoni tal-1961 għall-proċedura u permezz ta' *konfront bejn l-art.* 16(3) tagħha u 47(3) tal-Kostituz-

zjoni tal-1964, issottometta li r-riferenza tal-Qorti tal-Maġistrati hija irrita u nulla għaliex skond l-art. 16 (3) l-għaref Maġistrat seta' jibgħat quddiem din il-Qorti kwistjonijiet biss ta' "interpretazzjoni" u mhux dawk ta' "kontravenzjoni" tal-Kostituzzjoni u, per konsegwenza, imissu ħa konjizzjoni tal-inċident kostituzzjonali hu stess. Il-Qorti, li qabel kienet espremiet xewqa li tisma' argument fuq dan il-punt, issib u tiddeċiedi li fil-każ preżenti l-kwistjoni tinvolvi anke kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-art. 14 u 15 tal-Kostituzzjoni tal-1961, u dana għar-raġunijiet li llum jidhru evidenti stante n-neċessità li jiġu stabiliti il-linji ta' dimarkazzjoni bejn iddrittijiet in kwistjoni u l-limiti jew restrizzjonijiet permissibili tagħhom, kif ukoll ta' differenza bejn "public safety" u "public order", u tad-definizzjoni ta' x'inhuwa raġjonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. Dawn kollha huma materja ta' interpretazzjoni. L-għaref Avukat tal-Kuruna kandidament ikkonċeda li t-teżi li kien qiegħed jipprova jabbraċċja f'dan ir-rigward kienet tmiss il-limitu tal-ikbar riġidità possibbli in materja. Għalhekk dan il-punt jaqa' u l-att tar-riferenza huwa magħmul sew taħt l-art. 16 (3) tal-Kostituzzjoni tal-1961.

Fuq proċedura ma kienx hemm kontestazzjonijiet oħra, ħlief fuq il-korrettezza tal-proċedura bir-rikors taħt il-Kostituzzjoni tal-1961, iżda din mhiex rilevanti għal din is-sentenza imma għall-oħra ta' warajha.

Niġu għalhekk għall-materja sostantiva u nikkunsidraw fi-ewwel lok l-ewwel eċċezzjoni tal-imputati.

Jihdru li in ordni loġiku hawnhekk trid tiġi deċiża l-kwistjoni preliminari mċaqalqa mill-Avukat tal-Kuruna, u ċjoè, li l-imputati ma setgħux jimpunjaw il-Proklama jekk qabel ma jimpunjawx il-liġi li delegat il-poter relativ lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur.

Il-Qorti ma tistax takkolji l-argument in kwistjoni għaliex il-Kostituzzjoni tal-1961 fl-art. 14 u 15 (kif del resto fl-artikoli korrispondenti 42 u 43 tal-1964), wara li fis-subartikolu (1) ta' kull wieħed minnhom tannunċja d-dritt f'termini ampji, fis-subartikolu (2) tagħhom, meta tindika per sommi kapi l-affarijiet li jistgħu jsiru in restrizzjoni tad-dritt superjorament sancit, tippermetti ħwejjeġ li jkunu jew "contained in" jew "done under the authority", fiż-żewġ każijiet, "of a law". Issa l-Proklama hija hi stess liġi, għalkemm taqa' fl-isfera ta' "delegated legislation" u mhux ta' *leġislazzjoni primarja. Minn daqshekk ma jidhirx li jista'* jkun hemm dubju, għalkemm il-Kostituzzjoni tal-1961 fl-"interpretation section" tagħha (3) ma tagħti ebda definizzjoni ta' "liġi". Hekk jeħtieġ l-intendiment tal-kelma "liġi" fil-konnotat normali tagħha, jiġifieri, għal dik li hija liġi skritta, "il-volontà tal-leġislatur li tiddetta norma ta' kondotta espressa b'mod li jirrendiha kapaċi ta' sanzjoni esterna mill-Qrati", u hekk huwa wkoll huwa xieraq skond id-definizzjoni tal-istess kelma fil-Kostituzzjoni tal-1964, li tista' sservi ta' interpretazzjoni, i.e., "law" includes any instrument having the force of law", kif ukoll fid-diversi kostituzzjonijiet oħra simili għal tagħna.

Imma anke kieku l-Proklama ma kenitx liġi, imma sempliċi att tar-ram eżekuttiv, jibqa' dejjem li hija att li, salvo l-kwistjoni tal-validità tagħha, tidher magħmula "taħt jew skond l-awtorità ta' liġi", u l-Qorti hija obbligata tirresisti s-suġġeriment *li biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jimpunjaw* att "purporting" li sar taħt liġi jridu bilfors jimpunjaw il-liġi. Dana mhux biss kuntrarju għal kliem ċari tad-dispożizzjonijiet sotto eżami imma jista' jkunu forom ta' tentativi superfluwi ta' impunjazzjoni ta' liġijiet perfettament tajbin kull darba li xi uffiċjal tal-Gvern jirfes riġlejn xi ħadd u jiġi mħarrek taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-"human rights". Għalhekk lanqas dan il-punt ma jreġġi.

Eliminat dan il-punt naslu biex fl-aħħar nidħlu fil-qalba tal-kwistjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imputati, ċjoè, l-allegata transgressjoni tad-drittijiet tal-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni tagħhom.

L-ewwel punt li l-Qorti sejra tiddetermina taħt dan il-kap huwa jekk il-projbizzjoni governatorjali tal-**meetings** għandhiex xi rilevanza għall-kwistjoni, biex b'hekk iċ-ċerkju tad-diskuzzjoni jiġi ridott għal dak li huwa verament essenzjali, għax kif ġie tajjeb osservat minn Stone J. fis-Supreme Court tal-United States fl-opinjoni tiegħu in "**Hauge, Mayor et al. vs. Committee for Industrial Organisation et al.**" (1939) 307 U.S. 496, huwa "the part of wisdom to avoid unnessary decision of constitutional questions".

L-imputati jikkontendu li l-Proklama hija milquta b'infermità kostituzzjonali tant għaliex illediet id-dritt tal-libertà ta' espressjoni tagħhom kemm għaliex illediet l-ieħor tal-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni u, f'kull każ, tant għax ipprojbiet għad-disgħat ijiem in kwistjoni l-**meetings** kemm id-**dimostrazzjonijiet** tal-partit politiku li jżommu miegħu. Imma in verità il-każ huwa ġuridikament rilevanti, almenu għall-finijiet ta' din is-sentenza, biss in kwantu huma ġew akkużati talli ħadu parti attiva f'attruppament bil-ħsieb li jagħmlu **dimostrazzjoni** illegali u mbagħad dina fil-fatt saret. Huma mhumiez akkużati li ħadu parti f'meeting pubbliku, u skond l-Ordinanza Kap. 108, u anke skond is-sinifikat ordinarju tal-kliem hemm distinzjoni netta bejn meeting u dimostrazzjoni. Infatti skond id-definizzjoni tagħhom fl-art. 2 tal-Ordinanza, hemm elementi li jiddistingwu l-wieħed mill-ieħor, u prinċipalment dak li mentri l-meeting isir għad-diskussjoni pubblika ta' kwalunkwe suġġett (jiġifieri sia politiku jew xort'oħra), l-iskop ta' dimostrazzjoni mhuwiex id-diskussjoni imma l-manifestazzjoni kif soltu jsir ta' għoxrin persuna jew iżjed (in-numru huwa element komuni għat-

tnejn) ta' akkoljenza, approvazzjoni jew disapprovazzjoni tal-ġemgħa jew laqgħa. Barra minn dan dimostrazzjoni trid issir bilfors fil-beraħ mentri meeting jista' jsir ukoll ġewwa bini. Għalhekk iż-żewġ forom ta' attività ma jistgħux jiġu konfużi ma' xulxin, kif turi anke d-distinzjoni li saret mill-partit stess fl-ittri esibiti. Illum il-ġurnata, id-dimostrazzjoni ġiet żviluppata kważi fil-pajjiżi kollha b'teknika speċjali mill-organizzaturi politiċi kif naraw meta naqraw fuq il-marches ta' Aldermaston u anke fuq xi dimostrazzjonijiet razjali fl-Istati Uniti, u din it-teknika hija differenti minn meetings. Għalhekk m'huwa ebda parti mill-każ tal-imputati, u huma m'għandhomx interess f'din il-kawża, juru li l-Proklama hija nulla għaliex ipprojbiet il-meetings. Għalkemm il-problema jista' jkollha fattizi oħra fl-eżami tar-rikors li huma għamlu direttament lill-Qorti, il-kwistjoni tal-meetings hija irrilevanti għall-kwistjoni li tinsab quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u minnha issa devoluta lil din il-Qorti.

F'din il-kawża il-Qorti għandha tara biss dak li huma ta' interess għall-Qorti li rriferitilha l-każ, u peress li l-imputati m'huma bl-ebda mod akkużati li ħadu parti f'meeting pubbliku, il-Qorti mhijiex imsejħa tirrispondi għal dan il-kweżit u l-Qorti riferenti tista' timxi liberament mingħajru. Il-Qrati Supremi tal-Istati Uniti u tal-Indja ġia rrikonoxxew ħafna drabi d-"doctrine of severability" tad-diversi dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni impunjata u dana fuq il-prinċipju ġenerali ġià ċitat ta' li "strict necessity" (vide, **Basu, Commentary on the Constitution of India**, 4th Edit., Vol. I, pp. 158 u 197). La l-Malta Labour Party u lanqas l-imputati ma ħadu passi quddiem il-Qrati biex jiġi nforzat id-dritt tagħhom li jagħmlu meetings fil-perijodu operativ tal-Proklama, u illum jekk baqa' xi nteress jew neċessità, almenu f'din il-kawża, dawn huma dawk tal-imputati qua imputati.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tastjeni milli tieħu kwalun-

kwe konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni tal-validità tal-parti tal-Proklama li tirrigwarda l-meetings u ma tagħti ebda pronunzjament fuqha.

Jibqa' dejjem, taħt l-ewwel eċċezzjoni tal-imputati, il-kwistjoni tad-dimostrazzjonijiet. Hawnhekk l-imputati għandhom l-interess kollu li jipprovokaw deċiżjoni.

Ma jidhirx li jista' jkun imqiegħed f'dubju li bħala regola ġenerali r-"right if assembly" sancit fl-ewwel subartikolu tal-art. 15 tal-Kostituzzjoni applikabili jinkludi d-dritt lin-nies ta' kwalunkwe kulur, razza jew fehma politika jiltaqgħu mingħajr armi u fil-kwiet biex juru l-opinjonijiet tagħhom. Taħt dan l-aspett id-dimostrazzjoni għandha affinità mal-meeting għalkemm hemm id-distinzjonijiet li ġia ssemmew bejniethom. Huwa veru li l-ordinanza tal-Meetings Pubbliċi ma tagħtix "per se" id-dritt li ssir dimostrazzjoni bħala ma tgħid għal meetings (art. 3), imma mill-introduzzjoni 'l hawn tal-"human rights" b'liġi pożittiva, il-pożizzjoni bil-fors tbiddlet għax id-dimostrazzjoni mhijiex ħlief waħda mill-multiformi esplikazzjonijiet tad-drittijiet ta' "free speech" u "freedom of assembly", u bħala tali, għandha jkollha l-protezzjoni tagħha, forsi a differenza milli fl-Ingilterra fejn milli jidher, id-dritt għal meetings u għal dimostrazzjoni f'post pubbliku, nonostanti li r-Renju Unit huwa wieħed mill-firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1950 dwar il-human rights, huwa bażat x'aktarx fuq it-tolleranza tal-Pulizija u l-tolleranza tan-nies għall-opinjonijiet ta' xulxin milli fuq dispożizzjonijiet statutorji jew anzi kostituzzjonali bħal ma huma tagħna. Fir-Renju Unit, ir-regola sancita minn prattika antika hija li kulħadd jista' jagħmel meeting jew "procession" sakemm ma jiksirx il-liġi, u l-liġi tista' tinkiser anki b'sempliċi ingombru tat-triq jew "niusance".

Jibqa' veru wkoll l-awtoritajiet kompetenti jistgħu f'ka-

żijiet raġjonevoli permessi mill-liġi, jipprojbixxu d-dimostrazzjoni u hawn iridu jirċevu konsiderazzjoni l-argumenti miġjubin 'il quddiem minnhom f'dan il-każ.

Wara li tippremetti għalhekk bħala propożizzjoni ġenerali li l-Qorti taqbel ma' Dr. Buttigieg li l-projbizzjoni taddimostrazzjoni tista' tifforma bażi ta' lanjanza tant taħt l-art. 14 kemm taħt l-art. 15, għax il-libertà ta' espressjoni tikkompenetra ruħha mal-oħra tal-assemblea, il-Qorti żżid li taqbel ukoll ma' Dr. Frendo li d-drittijiet hemm imsemmija mhumiex assoluti imma restrinġibili, fost raġunijiet oħrajn, għar-raġunijiet, minnu imsemmija waqt l-argument tiegħu, ta' "public safety" u "public order". Bejn dawn iż-żewġ espressjonijiet, li l-ebda waħda minnhom ma tinvolvi s-sigurtà tal-Istat, li hija ħaġa ferm akbar, hemm xi differenza mhux ta' "kind" imma t[illegible] "grad" fis-sens li l-kunċett ta' "public safety" jimporta attività iżjed perikoluża minn dak tal-"public order" li għalhekk jagħti lill-Istat jew l-uffiċjal kompetenti tiegħu kamp ikbar biex jirrestrinġu l-libertajiet in kwistjoni minn dak tal-"public safety".

L-argument ta' Dr. Frendo biex jiġġustifika il-Proklama in kwantu kien bażat fuq il-fatt li l-Pulizija kienet imħabbta wisq fil-perijodu in kwistjoni biex tieħu ħsieb tindokra d-dimostrazzjonijiet tal-oppożituri taċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali, kunsidrat fih innifsu u mhux maċ-ċirkostanza l-oħra li sejra tissemma, huwa x'aktarx wieħed ta' sempliċi konvenjenza li ma jwassalx għal konklużjonijiet minnu sostnuti. Għalkemm il-Gvern għandu "a wide discretion" fil-kamp talmanteniment tal-ordni pubbliku, l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni m'għandux jikkundanna lil ħadd a priori u mingħajr apprensjoni raġjonevoli tad-disturb tal-ordni pubbliku. Kieku l-partit laborista ried jagħmel dimostrazzjoni għal rasu, jew almenu f'ċirkostanzi li jeliminaw il-prospett più o meno fondat ta' disturb tal-kwiet tal-"general public" ċerta-

ment il-Qorti kienet tieħu veduti oħrajn. Iżda jirriżulta mid-direttivi tal-partit kif stampati u esibiti (fol. 25), li huwa ħeġġeġ lin-nies tiegħu biex, flok ma joqgħodu għal rashom, jitħalltu ma' dawk tal-opinjoni kontrarji li xtaqu (u forsi mhux mingħajr ir-raġunijiet tagħhom) jiċċelebraw il-kisba tal-Indipendenza ta' Malta u hemm **jiddisapprovaw dak li huma japprovaw.**

In-natura ta' din id-direttiva hija fl-opinjoni ponderata ta' din il-Qorti, tali li setgħet raġjonevolment tinduċi, f'moħħ il-kustodju tal-ordni pubbliku, apprensjoni u biża' mhux ċkejken ta' nsulti, storbji, ngombri u ġlied, jekk mhux agħar. Fil-kawża **Wise vs Dunning**, (1901) 1. K.B. 167 ġie deċiż li jekk folla ta' nies jiltaqgħu biex jottjenu skop legali (i.e., li jagħmlu dimostrazzjoni) f'manjera illegali, per eżempju billi jinġabru u jużaw lingwa nġurjuża kontra l-Kattoliċi f'Liverpool, belt li hija popolata fi proporzjon qawwija minn Kattoliċi, huma jsiru ħatja ta' "unlawful assembly" jew almenu Maġistrat jista' jpoġġihom taħt garanzija li jżommu l-kwiet, jekk ikun hemm fuqhiex jaħseb li jista' jsir ksur tal-paċi pubbliku. U verament din hija regola imprexxindibili biex jiġi garantit il-qofol tad-drittijiet umani, ċjoè, li fil-pajjiż tirrenja ir-"rule of law" u mhux il-"law of the mob". Hekk ukoll hija l-ġurisprudenza reċenti ngliża fil-każijiet tal-visita tar-Reġina tal-Greċja u tal-Aldermaston march. Fl-istess tenur kienet dejjem ukoll il-ġurisprudenza nostrali, fis-sens, ċjoè li l-kondotta provokatorja, anke bi kliem jew ġesti biss ta' partitarji kontra partitarji oħrajn li jkunu qegħdin jiċċelebraw xi festa tal-banda jew tal-qaddis tagħhom tikkostitwixxi ksur ta' ordni pubbliku, u l-Qorti ma tistax ma tieħux it-temperament lokali in konsiderazzjoni f'materja li tirrigwarda l-ordni pubbliku. Issa wieħed m'għandux bżonn, jekk irid ikun verament prattiku u realistiku, jużа ebda immaġinazzjoni biex jara fil-ġemgħa ta' folol kbar ta' partiti opposti, li waħda minnhom flok ma toqgħod għar-rasha, tinse-

rixxi ruħha ġewwa l-oħra skond id-direttivi tal-partit tagħha biex hemm turi d-disapprovazzjoni tagħha, il-ġerm, almenu possibili jekk mhux probabili, ta' ksur tal-ordni pubbliku, u mhux biss iżolat jew sporadiku, imma spazjat.

Minn dan jidher, mingħajr ma wieħed joqgħod jidħol fid-dottrina Amerikana tal-"clear and present danger to the State" (għax hawnhekk żgur ma jidhirx perikolu simili) li l-orjentament li qegħda tieħu l-Qorti huwa konsistenti ma dak li rriteniet il-Qorti Suprema Amerikana fil-kawża ta' Hague fuq ċitata li mentri d-dritt ta' l-assemblea, bħal dak tal-libertà ta' espressjoni, m'għandux ikun "abridged or denied under the guise of regulation", mill-banda l-oħra "the privilege of a citizen of the United States to use the streets and parks for the communication of views on national questions may be regulated in the interest of all; it is not absolute but relative, and must be exercised in subordination to the general comfort and convenience and in consonance with peace and good order."

Il-Qorti żżid li għal dak li jirrigwarda d-dimostrazzjoni ppjanata għall-20 ta' Settembru, il-Ħamrun, il-fatt tal-koinċidenza tagħha mal-passaġġ mill-istess lokalità jew triq viċinissima tal-Altezza Tiegħu l-Prinċep Philip, Duka ta' Edinburgo, bħala rappreżentant tal-Maestà Tagħha r-Reġina, kien jissuġġerixxi l-istess prekawzjoni. Dan il-motiv huwa simili għal dak li ssuġġerixxa lill-Pulizija ta' Londra li ma jippermettux dimostrazzjonijiet fl-inħawi ta' fejn kellha tkun ir-Reġina ta' Greċja fil-visita tagħha, u li huma msemmija fit-Times Law Reports relativi. Għal kumplament, ċjoè għad-dimostrazzjonijiet l-oħra, huwa biss minħabba d-direttiva tal-Partit Laborista, u għall-ebda raġuni oħra li qegħda tiddeċiedi dan il-kap kif qegħda tiddeċiedi. Taħt ċirkostanzi oħra kien jipprevalixxi l-prinċipju.

Din id-direttiva ħarġet l-għada stess tal-Proklama, imma l-imputati ma jistgħux raġjonevolment jilmentaw li kienet kaġjonata mill-Proklama, anzi id-direttiva rrendiet dik il-Proklama, semmai, aktar neċessarja minn qabel. Id-direttiva setgħet anki ngħatat in buona fede imma l-effett li, fil-kliem li ġiet konċepita fihom, seta' jiġi ndott fuq il-massa xorta kien tali li jiġġustifika dik l-apprensjoni li ssemmiet aktar 'l fuq mill-awtoritajiet responsabbli għall-manteniment tal-buon ordni pubbliku. Kieku riedu u mingħajr ma jagħtu dik id-direttiva, id-diriġent tal-partit kellhom toroq legali mnejn jgħaddu, u kienu jsibu l-organi tal-ġustizzja pronti biex jisimgħuhom u, jekk ikun il-każ, jissodisfawhom.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti jidhrilha li l-Proklama kienet raġjonevolment u sostanzjalment "related to an authorised purpose, i.e., public order", u mhux inkonsistenti, konsiderati ċ-ċirkostanzi, ma' dak li sar fl-istorja tad-demokrazija u fil-prattika attwali ta' pajjiżi demokratiċi oċċidentali. Irid jinsab bilanċ bejn il-poter u l-libertà, imma l-liġi mingħajr il-poter ma tibqax liġi u l-libertà mingħajr il-poter raġjonevoli lanqas ma tibqa' libertà, u ssir liċenzja u anarkija. Il-Proklama hija entru l-limitu ta' dan il-bilanċ, li l-Qorti, bir-rispett kbir li għandha għad-drittijiet fondamentali u konxja tar-responsabbilità tagħha biex tagħmel ġustizzja ma' kulħadd u mal-partiti politiċi kollha, fuq kriterji ekwi, ippruvat issib.

Kwantu għat-tieni eċċezzjoni tal-imputati, il-Qorti jidhrilha li ma hemm xejn fil-lingwa tal-art. 21 tal-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi li jimpedixxi lill-Eċċellenza Tiegħu jipprojbixxi dawk id-dimostrazzjonijiet li huwa jidhirlu li jkunu raġjonevolment minaċċjużi tal-ksur tal-ordni pubbliku u mhux oħrajn.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, fuq l-att tar-riferenza li rċe-

viet mill-Qorti tal-Maġistrati, tiddeċiedi li l-Proklama mpunjat mhijiex ċensurabili skond l-eċċezzjonijiet sollevati mill-imputati, u tordna lir-Reġistratur biex, jekk ma ssirx appell minn din is-sentenza fit-termini legali, jibgħat l-inkartament flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza lura lil dik il-Qorti, biex hi tkun tista' tkompli l-kawża.

Il-Qorti stante n-natura tal-problemi diskussi u n-novità tal-każ teżerċita d-diskrezzjoni tagħha dwar l-ispejjeż ta' din il-proċedura u tordna li jibqgħu bla taxxa iżda d-dritt tar-Reġistratur jitħallas mill-imputati.